TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. ATEM

Seduta tal-Gimgha 29 ta’ April 2016

Avviz Numru 8/ 2016 (KM)

Lawrence sive Laurie Zammit u Heidi Victoria, Grech.

Vs

Joseph Camilleri u Maria Dolores Azzopardi.

**It-Tribunal**

Ra’ l-avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lir-rikorrenti is-somma ta’ elfejn sitt mija u sitta u sebghin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€2676.94) konsistenti kwantu ghal tlett mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€325, f’arretrati ta’ kera tal-fond Pace Flats, Flat 4, Triq il-Firilla, Ghajnsielem, Ghawdex u garaxx numru sebgha fl-istess blokka. Kwantu ghal hames mija u hames Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€ 505.22) u mija u dsatax il-Ewro u disgha u disghin centezmu (€ 119.99) kera tal-meters u konsum tad-dawl u ilma; u kwantu ghal elf, seba mija u sitta u ghoxrin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€ 1726.73) hsarat, danni u spejjes illi saru fil-propjeta mikrija. Dan bl-ispejjes kollha nkluzi dawk tal-ittra tat-13 ta’ Frar 2016 u tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment ma l-avviz. Bl-imghaxijiet.

Ra’ r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha eccepew illi l-konvenuta Azzopardi ma hijiex il-legittimu kontradittur u fejn gew opposti t-talbiet attrici ghaliex dawn jew mhux dovuti, jew huma esagerati, jew altrimenti huma gia regolati bi skrittura bejn il-partijiet.

Ra’ d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet.

Sema’ x-xhieda kollha mressqa mill-partijiet.

Ra’ d-digrieti kollha tieghu inkluz dak tas-seduta tat-tnax (12) ta’ April tas-sena elfejn u sittax (2016) li permezz tieghu din l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi qabel xejn ser tigi trattata l-ewwel eccezzjoni. Il-kuntratt esebit a fol 15 huwa redatt bejn l-atturi u Joseph Camilleri biss. Similment l-ftehim tad-19 ta’ Settembru 2015. Huwa minnu illi l-konvenuta Azzopardi kienet tghix fl-appartament ukoll u dan jirrizulta kemm mix-xhieda kif ukoll minn l-estratt mir-registru elettorali esebit f’dawn l-atti. Dan wahdu pero ma jaghmiliex responsabbli ghal kirja u kull ma sehh tulha, u r-relazzjoni guridika tibqa’ bejn l-atturi u l-konvenut. L-anqas ma tezisti responsabbilita fuq il-konvenuta Azzopardi minhabba l-hsarat li jistghu arrekaw tul il-presenza taghha fil-fond u se mai fin-nuqqas ta’ prova li dawn sehhew minn Maria Dolores Azzopardi, ghal dawn irid iwiegeb l-konvenut. Ghaldaqstant il-konvenuta Dolores Azzopardi ser tigi liberat minn l-osservana tal-gudizzju. L-ispejjes ta’ din pero ser jinkombu fuq l-attur stante illi kien hu illi introduciha fil-fond.

Dwar il-mertu l-konvenut ammetta fix-xhieda tieghu li ghandu jhallas l-arretrati tal-kera, u s-servizzi kollha nkluz dawk tal-partijiet komuni. Anke kieku ma ammettiex dawn jirrizultaw ampjament pruvati u ghandhom jithallsu unikament minnu, skond l-obbligi u oneri assunti minnu fuq il-kuntratt ta’ kera.

Dwar il-hsarat jidher illi l-konvenut jikkontesta l-kwantum fis-sens illi skont hu l-hsarat kienu minimi. Dan it-Tribunal kellu l-okazzjoni jifli r-ritratti esebiti, u jemmen illi l-entita tal-hsarat aktar tqarreb lejn l-allegazzjoni ta’ l-atturi minn li lejn dik tal-konvenut. Jidher illi l-appartament fil-bidu kien wiehed f’kudizzjoni tajba u mghammar tajjeb. Wiehed jistenna illi jkun hemm certu wear and tear. Izda altru wear and tear u altru hsarat li jidrhu li huma frott ta’ negligenza grassa. Negligenza li sa certa punt tant hija kbira li jista facilment jinghad li kienet tassimilja l-intenzjoni hazina. Hekk per ezempju meta pappagall kien jithalla jdur mad-dar, jaghmel hsara fuq l-ghamara u jhammeg; jew toqob li saru fil-biebien ta’ l-injam sabiex tiddendel purtiera.  Dawn huma biss ezempji.

L-atturi kkonfermaw il-hsarat u danni minnhom subiti permezz ta’ ricevuti li dan it-Tribunal ma jarax li ghandu jkollu xi dubbju dwarhom. Min naha l-ohra l-konvenut apparti li ma kien xejn konvincenti fix-xhieda tieghu ma rribatta xejn u ma kkontesta xejn specifikament.

Fid-dawl ta’ dan, dan it-Tribunal jemmen illi t-talbiet ta’ l-atturi jidrhu gustifikati u jimmeritaw li jigu akkolti fil-konfront tal-konvenut Camilleri.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa’ in toto t-talbiet ta’ l-atturi, fil-konfront ta’ Joseph Camilleri biss, u jillibera lil Maria Dolres Azzopardi min l-osservanza tal-gudizzju; jirrigetta l-bqija ta’ l-eccezzjonijiet moghtija, jikkundanna lill-

konvenut Joseph Camillri ihallas lil atturi s-somma ta' elfejn, sitt mija u sitta u sebghin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€2676.94), bl-imghax mid-data ta' dan l-avviz il-quddiem L-ispejjes kollha inkluzi dawk ta' l-ittra u mandat imsemmija fl-avviz ikun a kariku tal-konvenut Joseph Camilleri.

Kevin Mompalao

Gudikatur

Daniel Sacco

D/Registratur